MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tal-21 ta' Dicembru, 2012

Numru 148/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**v.**

**Francis Spiteri**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Francis Spiteri, bin Saviour u Lucia nee` Buttigieg, imwieled fis-26 ta' Mejju 1950 u residenti fil-fond numru 9, Gawhra, Triq it-Tin, Sannat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita` numru 46050(G) fejn gie akkuzat talli nhar is-Sibt 7 ta' Mejju 2011 ghal habta ta' 07:30hrs u fil-jiem u l-gimghat ta' qabel din id-data, gewwa Ta' Cenc limiti tas-Sannat, Ghawdex:

1. waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur u dan bi ksur tar-

regolament 18(1)(c) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71);

2. minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra kkaccja jew ipprova jikkaccja, jiehu jew ipprova jiehu xi ghasfur, b'kull mezz, meta ma kienx fil-pussess ta' licenzja valida mahruga mid-Direttur, u ma ssodisfax l-kundizzjonijiet kollha specifikati f'dik il-licenzja u f'kull ligi ohra u dan bi ksur tar-regolament 12(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71);

3. biegh, offra ghall-bejgh, esebixxa ghall-bejgh, uza jew zamm trabokki, kemm bix-xibka kemm minghajrha, li l-uzu taghhom huwa pprojbit taht is-sub regolament (1)(f) tar-regolament 7 u dan bi ksur tar-regolament 7(2) tal-A.L. tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71).

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Marzu 2012 li permezz taghha dik il-Qorti fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, fuq nuqqas ta' provi, lliberat lill-imputat minnha u fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet, wara li rat ir-Regolamenti 18(1)(c) u 12(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Francis Spiteri hati taghhom u kkundannatu multa komplessiva ta' tliet mija u hamsa u ghoxrin Euro (€325).

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Francis Spiteri minnu prezentat fit-23 ta' Marzu 2012, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu lliberatu mit-tielet akkuza u tirrevokha in kwantu l-ewwel u t-tieni akkuzi fejn sabet lill-imputat hati u kkundannatu multa ta' €325 u b'hekk tillibera lill-imputat minn kull htija u piena skont il-ligi.

**4.** Semghet mill-gdid ix-xhieda prodotti fl-ewwel istanza, rat l-atti u d-dokumenti esebiti u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti tal-kawza, in kwantu relevanti ghall-finijiet tal-appell, jistghu jigu riassunti kif gej:

Fis-7 ta’ Mejju 2011 ghall-habta tas-7.30 am l-ufficjali tal-Pulizija PS 1330 Alexander Schembri, PC 433 Rudolph Mallia, u PC 1364 marru fl-inhawi ta’ Ta’ Cenc fil-limiti ta’ Sannat Ghawdex peress li kienet dahlet informazzjoni li f’post partikolari fejn kien hemm diversi sigar izolati kien hemm zewgt ahwa mis-Sannat li kienu ramaw renja u cioe’, xibka wieqfa, li biha kienu qeghdin jonsbu ghall-ghasafar. Hekk kif waslu fuq il-post raw zewg persuni jitbeghdu b’pass mghaggel minn xi sigar li kien hemm f’direzzjonijiet opposti. Il-pulizija grew warajhom, lahquhom u waqqfuhom. Iz-zewg persuni intercettati kienu l-imputat u huh Raymond Spiteri. L-imputat stqarr li  ma kien jaf xejn dwar ir-renja.

Ikkunsidrat:

**6.** Ghalkemm l-appellant jiddeskrivih bhala “l-ewwel aggravju” l-uniku aggravju tal-appellant jikkonsisti filli jsostni li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament sew u xieraq tal-provi kif irrizultaw quddiemha.

**7.** Dwar din ix-xorta ta’ aggravju il-gurisprudenza ta’ din il-Qorti hi cara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet gravi b’mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta’ dik il-Qorti fl-eventwalita’ biss  li l-ewwel Qorti ma setghetx ragionevolment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

**8.** Din il-Qorti kellha l-opportunita’ li tisma’ mill-gdid lix-xhieda li nstemghu mill-ewwel Qorti u ghalhekk qieghda f’pozizzjoni li taghmel l-apprezzament taghha tal-istess xhieda. Din il-Qorti, in fatti, semghet mill-gdid lil PS 1330 Alexander Schembri, PC 433 Rudolph Mallia, lill-imputat

appellant Francis Spiteri u lil Martin Vella prodott mill-imputat appellant.

**9.** Fl-affidavit tieghu quddiem l-ewwel Qorti li gie konfermat quddiem din il-Qorti PS 1330 stqarr li fis-7 ta' Mejju 2011 ghall-habta tas-7.30 am kien tela Ghawdex flimkien ma zewg ufficjali ohra tal-pulizija u cioe' PC 433 u PC 1364 u flimkien marru fl-inhawi ta' Ta' Cenc peress li kellu informazzjoni li f'post partikolari f'diversi sigar izolati kien hemm zewgt ahwa mis-Sannat li kienu tellghu renja, xibka wieqfa, u biha kien qed jonsbu ghall-ghasafar. Hekk kif waslu fuq il-post indikat ra zewgt persuni johorgu jigru minn wara s-sigar msemmija u telqu f'direzzjonijiet opposti wiehed b'pass mghaggel lejn ix-xellug u l-iehor jigri lejn il-lemin. Peress li t-territorju hu wiehed catt setghu isegwuhom b'ghajnejhom u wara li grew warajhom il-persuni gew intercettati u mwaqqfa. Iz-zewg persuni kienu l-imputat u huh Raymond Spiteri li kien akkumpanjat minn kelb tal-kacca u stqarr li huwa kien hareg jimxi mixja fil-kampanja. L-imputat u huh it-tnejn qalu lill-pulizija li r-renja ma kienetx taghhom izda l-imputat, meta mitlub mill-pulizija biex jehodhom sabiex jurihom ir-renja huwa hadhom direttament fuq il-post.

**10.** Meta xehed quddiem din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru 2012, PS 1330, wara li kkonferma l-affidavit tieghu, beda biex jispecifika li x-xhud Martin Vella ma kienx fuq il-post u ma kien hemm hadd izjed hlief il-pulizija u z-zewg persuni li eventwalment gew intercettati. Huwa insista illi kieku dak il-hin li kienu huma fuq il-post kien hemm Martin Vella dan kien jarah. Ir-renja tikkonsisti f'xibka wieqfa fuq zewg pajpijiet irqiqa hafna li l-ghasafar ma jarawhiex jibqghu dehlin fiha u jithabblu fiha. Il-pulizija ir-renja ma kienux rawha u kien l-imputat li hadhom hdejha fejn kienet armata. Xehed ukoll li huwa u z-zewg ufficjali l-ohra tal-pulizija marru fuq il-post b'vettura Land Rover filghodu u kienu telqu minn Malta. Il-Land Rover kellha mpingija fuqha l-kelma "Pulizija". Ghalkemm ma eskludix li setghu kienu marru xi ufficjali ohra, apparti s-sewwieq tal-vettura tal-pulizija, kienu t-tlett ufficjali msemmija li hadu sehem attiv fl-investigazzjoni. Zied jghid li meta ra liz-zewg persuni msemmija dawn ma kienux weqfin jew

jippassiggaw izda hargu minn taht is-sigar wiehed jigri u l-iehor b’pass mghaggel f’direzzjonijet opposti.

**11.** In kontroezami x-xhud zied li kien Raymond Spiteri li telaq jigri tant li l-pulizjia lahquh biss bil-Land Rover. Mistoqsi jekk meta ra l-ewwel darba liz-zewg persuni dawn kienux imbeghdin minn xulxin PS 1330 insista li meta rahom kienu flimkien izda imbghad infirdu u marru f’direzzjonijiet opposti. Fuqhom ma sabulhom xejn u anqas id-dar taghhom ma sabu xejn relevanti. Huwa xehed ukoll li r-renja ma ghandha ebda uzu iehor hlief biex biha taqbad l-ghasafar li jithabblu fiha. Vetturi ma rrizultax li l-ahwa Spiteri kellhom fuq il-post izda sostna li fil-fatt il-post ma kienx boghod mir-residenzi taghhom.

**12.** PS 1330 xehed ukoll li huwa kien ta struzzjonijiet lill-kollega tieghu biex jiehu lil Raymond Spiteri d-dar tieghu biex jara ghandux armi registrati fuq ismu u xi hin wara Raymond Spiteri ttiehed lura fuq il-post Ta Cenc. Jghid li Raymond Spiteri f’xi hin kien ukoll hdejn ir-renja izda mhux flimkien mal-imputat. In kontro-ezami, izda, x-xhud wera certu incertezza jekk Raymond Spiteri kienx rega lura fuq il-post wara li kien ittiehed id-dar ghalkemm baqa’ jghid li l-impressjoni tieghu kienet li wara li kien ittiehed id-dar Raymond Spiteri kien rega rritorna fuq il-post f’Ta Cenc ghalkemm kien dubjuz dwar din ic-cirkostanza.

**12.** PC 433 Rudolph Mallia, fl-affidavit tieghu tat-8 ta’ Awwissu 2011 quddiem l-ewwel Qorti stqarr li fis-7 ta’ Mejju 2011 mar flimkien ma’ PS 1330 u PC1364 f’’ Ta Cenc fuq informazzjoni li kellhom u x’hin waslu fuq il-post raw zewg persuni rgiel li kienu vicin is-sigar li qabdu jimxu f’direzzjonijiet differenti minn xulxin b’pass mghaggel. Wahda mill-persuni kienet Raymond Spiteri li cahad li r-renja kienet tieghu izda meta mistoqsi x’kien qieghed jaghmel jdur mas-sigar fejn kien hemm ir-renja u ghaliex hu u huh telqu b’pass mghaggel f’direzzjonijiet differenti x’hin raw lil pulizija sejrin fuqhom Raymond Spiteri ma wegibx. Aktar tard mar fir-residenza ta’ Raymond Spiteri fejn sab li kellu s-snieter in regola.

**13.** Meta xehed quddiem il-Qorti fil-5 ta' Ottubru 2012 PC 433 xehed li kelhom informazzjoni li zewgt ahwa mis-Sannat kienu qed imorru Ta' Cenc fejn qatta sigar fejn kien ikun hemm renja u li filghodu kienu jmorru jiccekkjawha. Fis-7 ta' Mejju marru fuq il-post biex jinvestigaw. X'hin waslu raw zewg individwi hergin b'pass naqra mghaggel mis-sigar u marru f'direzzjonijiet opposti u waqt li s-surgent zamm lil wiehed minhhom, u cioe lil Raymond Spiteri waqt li huwa tela bil-karozza u zamm lill-persuna l-ohra li rrizulta kienet Francis Spiteri. Zied li fis-sigar minn fejn raw liz-zewg persuni hergin sabu renja izda kemm l-imputat kif ukoll Raymond Spiteri t-tnejn cahdu li r-renja kienet taghhom. Mistoqsija x'kien qieghdin jaghmlu fil-post u ghaliex telqu x'hin raw lill-pulizija peress li filli kienu flimkien u filli nfirdu, huma ma kienux kapaci jaghtu risposta. Ix-xhud zied jghid li r-renja ma toqghodx maghha izda tarmha u wara tmur ticcekkja jekk inqabdux xi ghasafar fiha. Wara li ntercettaw liz-zewg persuni dawn laqqaghuhom flimkien fuq il-post ghal ftit hin. Zied li kien hemm xi nies jimxu bil-klieb fl-inhawi izda dawn kienu 'l boghod xi 200 jew 300 metru. Zied li wara tfittxija mal-ewwel sabu r-renja li kienet fis-sigar. Ir-residenza tal-imputat u ta huh ma kienux boghod mill-post fejn nstabet ir-renja.

**14.** In kontro-ezami x-xhud zied li meta raw liz-zewg persuni dawn kienu vicin hafna tas-sigar fejn wara nstabet ir-renja. Jghid li t-tnejn ittiehdu hdejn ir-renja izda ftit wara ha lil Raymond id-dar tieghu u halla lill-imputat mas-Surgent izda imbghad ha wkoll lill-imputat id-dar tieghu. Fuq il-persuna taz-zewg persuni ma nstab xejn u anqas instab xejn fl-inhawi tas-sigar hlief ir-renja. It-tnejn cahdu li r-renja kienet taghhom u meta staqsewhom ghaliex x'kienu qed jaghmlu hemm u ghaliex infirdu kif raw lill-pulizija t-tnejn ma kienux jafu x'ha jaqbdu jwiegbu u ma wiegbu xejn. Ma ftakar xejn dwar jekk Raymond Spiteri kienx akkompanjat minn xi kelb.

**15.** Xehed l-imputat Francis Spiteri. Dan qal li kien miexi u bhas-soltu kien hemm il-karozzi tal-pulizija u dawn bdew jghajtu, nizlu tnejn mill-pulizija u resqu lejh. Wiehed minnhom saqsieh ghandux ix-xibka u huwa wiegeb li hu

ma ghandux. Il-pulizija ordnawlu jimxi warajhom u haduh hdejn is-sigar fejn ma sabu xejn. Qasmu t-triq lejn band' ohra u hdejn sigar ohra ma sabu xejn. Regghu qasmu t-triq u din id-darba hdejn sigar ohra sabu xibka. Hu kien miexi maghhom, mhux hadhom hu. X'hin dahlu hdejn is-sigar taru xi tajr u ttehdilhom ritratt bhal ma ttiehed ritratt tax-xibka. Gie mistoqsi dwar xi kamra fl-inhawi izda qallhom li din ma kienetx tieghu. Meta rritornaw wahedhom wara li kienu marru b' Raymond Spiteri hadu lilu l-garaxx tieghu ghas-snieter. Cahad li qatt gabu lilu u lil huh hdejn xulxin. Jghid li lil huh ma rahx ghax ma gabuhx hdejh izda rikkbuh fil-karozza bil-kelb u nizzluh 'l isfel wara li bit-telfon ikkonfermaw li kien huh. Jghid li dakinhar ra lil huh jippassigga izda ma sellmux lil xulxin. Mistoqsi ghala ra lil huh u anqas mar ikellmu wiegeb "Eh, x'ha nghidlu, hija? Dejjem il-gurnata kollha d-dar".Izda imbghad zied li kieku huh ghadda minn hdejn kien jghidlu bongu izda ma qallux bongu ghaliex kien il-boghod. Qal li qatt ma kienu flimkien hdejn is-sigar fejn nstabet ix-xibka.

**16.** Fl-ahhar xehed ukoll in difeza Martin Vella. Xehed li dakinhar kien hareg jippassiga filghodu bil-klieb u ltaqa ma' Raymond Spiteri u sellimlu. Baqa miexi lejn il-vettura tieghu u x'hin wasal hdejha ra l-Land Rover tal-pulizija u ra lil-Raymond Spiteri bil-kelb resqin lejn il-vettura tal-pulizija u rikbu fiha. Wara ra wkoll lill-pulizija jiltaqghu ma' persuna pajzana ohra li wara sar jaf li kienet l-imputat. Rahom sejnrin lejn il-lemin lejn xi sigar u wara rahom imorru lejn ix-xellug lejn ftit sigar ohra. Qaghad jistenna lil Raymond Spiteri biex isaqsih x'gara u dan qallu l-istorja x'gara u Spiteri qallu li l-pulizija kienu ser jirrapportawhom u kien ser itellghu b'xhud. Mistoqsi jekk il-pulizija rawhx wiegeb li Alla hares rawh ghax kienu jigbru lilu wkoll.

**17.** Il-Qorti ghamlet ir-rassenja estensiva tal-provi prodotti in vista tan-natura tal-aggravju tal-appellant li jirrikjedi li din il-Qorti tezamina akkuratament il-provi sabiex tkun tista' taghmel id-determinazzjoni taghha jekk l-ewwel Qorti kellix provi tali quddiemha li setghu ragionevolment iwassluha ghall-htija tal-imputat. Din il-Qorti, bla tlaqlieq ta' xejn, hi tal-fehma li l-provi prodotti huma tali li ma jaghtux lok ghal ragunijiet gravi li jistghu

iwasslu lil din il-Qorti sabiex tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti peress li l-istess provi setghu ragionevolment iwasslu lil dik il-Qorti ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom.

**18.** Il-kwadru tal-fatti li johrog mill-provi prodotti hu li fid-data u hin in kwistjoni waslu fuq il-post il-pulizija bil-vettura tal-pulizija taghhom. X'hin waslu fuq il-post dawn lemhu lil zewg persuni, fosthom l-imputat, li kienu hdejn xi sigar jinfirdu tal-anqas b'pass mghaggel u jmorru f'direzzjonijiet opposti sakemm gew intercettati mill-pulizija. Irrizulta li fis-sigar li magembhom il-pulizija lemhet liz-zewg persuni msemmijja, fosthom l-imputat, nstabet renja armata fuq zewg pajpijiet u li tikkonsisti f'xibka rqiqa ferm li tintuza biss biex taqbad l-ghasafar. Fuq dawn il-fatti kemm PS 1330 u PC 433 jaqblu sostanzjalment fix-xiehda taghhom u kienu kategorici li liz-zewg persuni msemmija, fosthom l-imputat rawhom it-tnejn hergin minn wara jew minn hdejn is-sigar fejn nstabet ir-renja. PS 1330 izid li l-pulizija ma kienux raw ir-renja u kien l-imputat li, ghalkemm meta mistoqsi qal li ma kellu ebda renja, wassal lill-pulizija safejn kien hemm ir-renja fis-sigar li minn warajhom kienu raw lilu u lill-persuna l-ohra johorgu. Dan ir-rakkont kien sostanjalment jikkombacja ma' dak li PS 1330 stqarr fl-affidavit tieghu tal-31 ta' Mejju 2011, u cioe ftit wara li gara l-incident kif ukoll ma' dak li stqarr PC 433 fl-affidavit tieghu tat-8 ta' Awwissu 2011 u li sostanzalment jikkombacja wkoll max-xhieda taghhom quddiem din il-Qorti.

**19.** L-appellant jilmenta li kien hemm nuqqas kbir ta' provi u l-ewwel Qorti kellha taghti aktar piz probatorju lix-xiehda ta' Martin Vella li kien xhud okulari fuq il-post. Il-Qorti taqbel li ma kienx hemm xi kwantita' kbira ta' provi li gew prodotti bdana kollu x-xiehda tal-ufficjali tal-pulizija, jekk emmnuta mill-Qorti, kienet sufficjenti sabiex l-ewwel Qorti ssib htija fl-imputat u di fatti jidher evidenti li l-ewwel Qorti abbraccjat ix-xiehda taghhom u skartat dik tal-imputat. In kwantu ghax-xiehda ta' Martin Vella, anki jekk emmnuta, din ma hix tali li tiskossa serjament id-depozizzjonijiet tal-ufficjali tal-pulizija u l-ewwel Qorti ghalhekk kienet intitolata li xorta taghti affidament lix-

xiehda ta’ PS 1330 u PC 433. Certament hu piuttost stran li Martin Vella, li kien ex-pulizija, ma jissenjalax lill-pulizija li waslu fuq il-post il-prezenza tieghu sabiex jara kif seta’ jghinhom jew biex jiskopri x’kien qieghed jigri. Minflok, ir-risposta tieghu meta gie mistoqsi kienet “Alla hares rawni ghax kienu jigbruni bhalma gabru lilhom”.

**20.** Huwa minnu li mix-xiehda ta’ PS 1330 u PC 433 quddiem din il-Qorti rrizultaw certi diskrepanzi izda xorta jibqa’ l-fatt li f’dawk l-elementi tax-xiehda taghhom l-aktar materjali sabiex tigi determinata l-htija o meno tal-imputat dik ix-xiehda baqghet wahda kostanti u konsistenti. Id-diskrepanzi bejn xhieda ma hix xi fenomenu rari fi processi kriminali specjalment, bhal f’dan il-kaz, meta x-xhieda jkunu qieghdin jixhdu mill-memorja dwar fatti li graw zmien piuttost twil qabel, bhal fil-kaz ta’ llum

**21.** Evidentement, apparti l-inverosimiljanza tal-fatt li l-imputat jara lil huh jippassigga fl-istess inhawi fejn kien qieghed jippassigga hu u ma jaghmel ebda tentattiv li javvicina lil huh biex isellimlu jew ikellmu, jekk ix-xiehda tal-imputat hi minna allura necessarjament l-ufficjali tal-pulizija li xehedu gidbu bil-gurament meta xehedu quddiem din il-Qorti. Ma hux assolutament possibbli li dawn kienu semplicement qed jitfixklu jew jinsew meta xehdu li flok raw liz-zewg persuni f’postijiet differenti f’Ta Cenc jippassiggaw, kif jghid l-imputat, dawn xehedu li raw lill-imputat flimkien ma persuna ohra johorgu minn wara s-sigar b’pass mghaggel u jinfirdu hekk kif lemhu li kienu waslu l-pulizija u wara nstabet ir-renja fl-istess sigar. Din il-Qorti ma ssib ebda raguni sabiex tasal ghall-konkluzjoni li l-istess ufficjali ma kienux qieghdin jghidu l-verita’ meta xehedu quddiemha u anzi kienu f’dan ir-rigward konsistenti u kategorici u kkorroboraw lil xulxin b’mod li din il-Qorti ma ssib ebda raguni valida sabiex tirrevedi l-apprezzament tal-ewwel Qorti meta tat affidament lix-xiehda taghhom.

**22.** L-appellant ilmenta wkoll mill-fatt li fil-fehma tieghu huwa inkonsistenti ghall-ahhar il-fatt li l-imputat gie liberat mit-tielet imputazzjoni izda nstab hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet. Tenut kont tal-fatt, izda, li din il-Qorti

sabet li kien hemm provi bizzejjed li fuqhom l-ewwel Qorti setghet ragionevolment issib htija fl-imputat tal-ewwel zewg imputazzjonijiet kif sabet l-ewwel Qorti dan ikun ifisser li jekk ghandu ragun l-imputat f'dan l-ilment tieghu il-konsegwenza kienet tkun li l-ewwel Qorti messa sabet htija wkoll tat-tielet imputazzjoni.

**23.** Ghalhekk, din il-Qorti ma ssibx ragunijiet bizzejjed sabiex tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi prodotti u l-konkluzjonijiet li waslet ghalihom.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tichad l-appell ta' Francis Spiteri u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------